# LIL DUN KARM

Ħlomt li mitt, Dun Karm, Poëta;
    Ma naħsebx li hekk tassew:
Bosta nies f'ħajjithom mietu,
    U fil-mewt bil-ħajja ntlew.
Ħlomt li mitt, Dun Karm, Poëta;
    U quddiemi vrusek ġew!

Mhux iż-żmien li jqis il-ħajja;
    Mhux iż-żmien li jrodd l-għajxien;
Mhux kull tûl itawwal l-għomor;
    Mhux kull għoli, tlugħ qalbien
Aktar m'huma l-fuq il-qċaċet,
    Aktar l'isfel il-widien.

X'tieħu qatt minn ħsieb li ħareġ
Minn ftit trab biex jerġa' għalih?
X'tieħu qatt minn ġrajja msejkna,
Jekk għamil ta' rmied tinsieh?
Jekk mill-ħsieb l-egħmejjel tnisslu,
Dak l'hu fihom, dawn ġe' fih.

Daqskemm jgħid it-tifsir tiegħu,
Daqskemm f'ħaqqu jgħid il-ħsieb:
Daqskemm huma l-ftuħ u l-medda,
Daqshekk wiesa' w għoli l-bieb:
Xejn mill-beraħ l'hinn ma jwassal,
Jekk fil-beraħ dan jinġieb.

Mit-trab saru w fih inżergħu
Arkimêde w Ċiċerûn;
It-trab għażlu, w frotthom sajjar,
Aristôtle ü Platûn;
Qâl Omeru, stqarr Virġilju,
Wettaq Dante t-trab xi jkun!

Min ried jifhem sa fejn jasal
Deh'n il-bniedem fl-art maħtur,
Min ried jgħid fil-ħaqq u s-sewwa
X'qawwa tirfdu 'l-isħeħ sur,
Dejjem qabel fela w għaraf
Kemm fix-xejn hu jkun mistur.

W int ukoll Dun Karm ta' vrûsek
Fl-għoli msaffel ridt issir,
Biex tgħix f'ħajjtek u tgħix f'mewtek
Tajt l-għamil għal dat-tifsir
Kobor nieqes mit-tmiem tiegħu
Ma jaf qatt xi jfisser "kbir"!

18–XII–33. K. VASSALLO